# Kunsill Lokali San Lawrenz

Rapport Annwali Amministrattiv

2019

Il-Werrej


L-Introduzzjoni tas-Sindku 2

Il-Kunsill 7

Il-Kunsilliera 8

Ir-Rapport tal-Uditur 11

## L-Introduzzjoni tas-Sindku

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz huwa Kunsill żgħir pero huwa Kunsill impenjattiv sabiex iżomm lokalità attiva minn kull aspett. L-ikbar problema tal-Kunsill hija li l-allokazzjoni finanzjarja li ma hix ġusta mal-ħidma li jwettaq il-Kunsill u aktar u aktar mal-bżonnijiet li għandu r-raħal.

Dan ir-rapport ser jelenka il-problema finanzjaja u anke l-ħidma mwettqa biex iżomm raħal attiv.

**Problema finanzjarja**

Kontinwament il-Kunsill qed jiġbed l-attenzjoni tad-Dipartiment li l-fondi li qed jingħata l-Kunsill Lokali tagħna li ma tirriflettix l-bżonnijiet baziċi tal-lokalita'.

Filwaqt li bħala residenti jista' jidher raħal żgħir, pero bħala *area* San Lawrenz huwa wieħed kbir. L-allokazzjoni lanqas qed tħares lejn żewg problemi fundamentali li l-Kunsill ta' San Lawrenz qed ikollu jħabbat magħhom wiċċu ta' kuljum. Dik tat-trakkijiet tal-barrieri li jgħaddu mit-toroq u mill-pjazza, ta kuljum xi 50 trakk ġebel b'tullennati kbar. Kif ukoll il-mijiet ta' karozzi li jgħaddu ta' kulljum għad-Dwejra.

Fis-snin li għaddew il-Kunsill tagħna kien pro-attiv, billi applika fondi mill-Unjoni Ewropea sabiex jagħmel lil San Lawrenz lokalita' ta' eċċellenza. Fil-fatt investejna aktar minn żewg miljun ewro.

Żgur li kieku ma għamilniex hekk zgur li qatt ma konna naslu biex nagħmlu dawn il-progetti minn fondi Lokali. Filwaqt li konna kapaċi nidħlu ghall-kofinanzjment tiegħu, pero l-manutenzjoni ta' dawn il-progetti, b' mod partikolari dak tal-pjazza, minħabba li hija passaġġ ewlieni għall-mijiet ta' karozzi u trakkijiet qed tiswa eluf kbar ta' ewro fis-sena mingħajr ma l-allokazzjoni qed tikkunsidrahom.

Problema oħra li lil Kunsill qed titfgħu lura peress li mhux finanzjat tajjeb, hija l-bajja tad-Dwejra. Din il-bajja hija ta' attrazzjoni u tiġbed lejha eluf ta turisti u Maltin. Ftit li xejn anzi biex ma ngħid xejn qed jigi investit f'din il-bajja allura qed ikollu jidħol il-Kunsill. Tant hu hekk li l-Kunsill rega nvesta fondi mill-UE biex tal-inqas joħloq ċentru interpretattiv. Ċentru li qed jimla vojt kbir li qatt ma ntmela. Pero din il-miżura qed toħloq problema finanzjara kbira li l-allokazzjoni qatt ma kkunsidrat. Irrid insemmi wkoll li minhabba l-elementi tan-natura, l-post u l-apparat jiddetorjaw aktar malajr.

Ma dawn iż-żewg problem, tajjeb li nsemmi li anke inizjattvi li ġew introdotti dan l-aħħar mill-Gvern Ċentrali qed jitfgħu piż fuq il-Kunsill mingħajr ma qed jiġu kumpensati għalihom. Dawn huma iż-żieda fl-onorarja u anke iż-żieda fil-pagi.

Il-Kunsill huwa wkoll inġustament qed jiġi mċaħħad minn ħaddiema tal-id assenjati mall-Kunsill Lokali li wkoll qed tkompli titfa piż għax il-Kunsill qed ikollu jingaġġja miegħu ħaddiema tal-id meta ta’ kunsilli oħra qed jiġu mħallsa mill-Gvern Ċentrali. Din hija miżura li tista tgħin lil Kunsill. Ilna żmien nagħmlu t-talbiet tagħna, pero s’issa għadna b’xejn, meta qed naraw Kunsilli oħra jingħataw kulljum ħaddiema li ma jiswewx flus lil Kunsill, u aħna nibqgħu b'xejn u jkollna nħallsu għall-manutenzjoni ta' kulljum tar-raħal.

Ħaġa oħra li tajjeb li naċċenna għaliha hija li fejn jidħol finanżjament ta’ proġetti li nkunu wettaqna flimkien ma xi Ministeru mhux qed ningħataw is-somma kollha u allura kull proġett li nagħmlu anke jekk huma taħt skemi, lil Kunsill Lokali qed jiswieħ aktar flus. Spejjeż ta’ periti, amministrazzjoni u *variations*.

Nemmen li d-dipartiment għandu jagħmel studju serju biex jikkunsiedra spejjeż imposti fuq il-Kunsill tagħna bħalma huma problemi tal-barrieri, id-Dwejra, nuqqas tal-ħaddiema tal-id, żieda fil-kuntratti eċċ.

**Kunsill Pro-attiv**

Għalkemm huwa kunsill *underfunded* il-Kunsill qed ikun pożittiv u *pro-attiv* u l-ħin kollu għaddejjin biex naraw mnejn nistgħu nakkwistaw fondi oħra sabiex il-ħidma tagħna tibqa għaddejja.

Is-sena li għadna kemm ħriġna minnha kienet sena oħra li fiha rajna diversi proġetti ta'utilità għar-residenti tagħna. Proġetti li kien ilhom fil-lista ta'prioritajiet kif ukoll proġett ambjentali li minnhom mhux biss ser igawdu r-residenti tagħna imma wkoll il-pajjiż b' mod inġenerali.

**Toroq għall-Bdiewa**

Il-Kunsill Lokali akkwista fondi mill-UE taht Mizura 4.3 sabiex permezz tagħhom wettaq proġetti ta' toroq għall-użu tal-bdiewa, dawn saru fl-aħħar parti ta' Triq Wied Merill, it-Triq tal-Qasam u t-Triq ta' Wied Ġunu. Għall dan il-proġett il-Kunsill investa s-somma ta' € 160,000.

**Għajn Ekoloġika**

Biex il-Kunsill iwassal messaġġ ekoloġiku fil-Pjazza tar-raħal għamel għajn Ekoloġiku biex jevita l-użu tal-plastic ta' darba, proġett li ġie milqugħ tajjeb u li kien parzjalment iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex.

**Manutenzjoni tal-Belvedere u Playing Field Colle Umberto**

Proġett ieħor li wettaq il-Kunsill huwa l-manutenzjoni ġenerali tal-Belvedere u l-Playing Field Colle Umberto. Żewġ proġetti importanti ħafna peress li huma l-unċi spazji miftuħa li għandna fir-raħal. Dan il-proġet kien iffinanzjat mid-Dipartiment taħt id-diversi skemi li jkollu.

**Manutenzjoni tal-Pjazza**

Minħabba d-diversi trakkijiet u traffiku li jgħaddu mill-pjazza l-Kunsill ta' kull sena jinvesti mal-€10,000 biex perjodikament jwettaq manutenzjoni ġenerali.

**Dementia Friendly Community**

Il-Kunsill kompla għaddej bil-ħidma tiegħu sabiex jagħmel mill-lokalità tagħna, lokalità aktar solidali u anke informata fuq din il-kundizzjoni. Matul is-sena saru laqgħat ma diversi kategoriji b'dan l-iskop.

**Sports u Ġemellaġġ**

F'Mejju li għadda l-Kunsill Lokali flimkien mall-kumitat tal-Ġemellaġġ u anke mas-St Lawrence Spurs FC stieden bliet li magħhom aħna ġemellati u sar tournament ta' football fil-lokalità tagħna. Il-pajjiżi li ħadu sehem kienu l-Italja, Franza u l-Kroazja. Kienet esperjenza sabiħa ħafna li kompliet issaħħaħ ir-relazzjoni tajba li diġà teżisti u wkoll l-kooperazzjoni li l-Kunsill għandu mad-diversi għaqdiet fir-raħal tagħna.

**Librerija fil-Pjazza**

Biex inkomplu nħeġġu l-qari fil-lokalità tagħna l-Kunsill ħaseb sabiex it-Telephone box fir-raħal tiġi trasaformata f'librerija li qed tintuża minn dawk li jiġu jieħdu ktieb u jissostitwixxuh b'ieħor. Kien proġett li ntlaqa' tajjeb u qed jiġi użat.

**Ismijiet antiki tat-toroq**

Sabiex ma jintesewx l-ismijiet l-antiki kif kienu msejħa l-ħariet tar-raħal, il-Kunsill ħaseb sabiex taħt l-ismijiet uffiċjali tat-toroq il-Kunsill jagħmel l-ismijiet kif kienu jsibuhom l-antenati tagħna.

**Attivitajiet Soċjali**

Matul is-sena l-Kunsill ħaseb sabiex iġib fondi anċellari sabiex permezz tagħhom jorganizza attivitajiet kulturali u soċjali fil-komunità fost dawn saru edizzjonijiet ta' Swejjaq kif ukoll festival qrib il-festa ta' San Lawrenz u anke attivitajiet għat-tfal u l-anzjani fil-ġranet tal-Milied.

**Għeluq**

Kif nistgħu naraw f'dan ir-rapport il-Kunsill Lokali San Lawrenz għandu problema finanzjarja pero fl-istess ħin il-Kunsill ma stenniex il-bajtra taqa' f'ħalqu u matul is-sena ħadem sabiex iżomm ir-raħal attiv minn kull sens.

Irrid insemmi wkoll li din kienet sena li fiha kellna żewġ leġiżlaturi li t-tnejn kienu mmexxija minni bħala Sindku u bħala membri kienu jikkonsistu minn Anthony Formosa bħala Viċi Sindku, Franco Buhagiar, Carmen Grima u Joseph Cauchi bħala Kunsilliera li fil-leġiżlatura li ninsabu fiha baqgħu l-istess ħlief għal Franco Buhagiar li ġie sostitwit b' George Camilleri u Sarah Formosa bħala Segretarju Eżekuttiv.



**Noel Formosa**

**Sindku**

## Il-Kunsill



Sindku
Anthony Formosa
(Viċi - Sindku)
Carmen Grima
Joseph Cauchi
George Camilleri
Franco Buhagiar
(Jan-Ġun)




Segretarju Eżekuttiv
Uffiċjal Skala 11)
Ħaddiem Assenjat CWFS
Ħaddiem Assenjat CWFS

## Il-Kunsilliera - Kelmtejn mill-Kunsilliera

---

Anthony Formosa – Viċi Sindku

Il-Kunsill Lokali matul is-sena li għaddiet ħdimt sabiex jitkompla l-proġett tat-toroq, jigifieri Triq id-Duluri. Attendejt laqgħat flimkien is-Sindku u s-Segretarju biex nara li nakkwistaw fondi għal din it-Triq. Rajna u ħsibna biex nakkwista fondi ghal Toroq oħrajn bħalma huma Triq il-Gebla tal-General u t-tkomplija tal-aħħar parti ta’ Triq il-Wileg. Dawn il-progetti għadna qed nistennew il-fondi għalihom u anke hawn attendejt laqgħat mas-Sindku biex inwassluhom fit-tmiem.

F'dan id-dekasteru nara li r-raħal ikun miżmum tajjeb.  Flimkien mas-Sindku u l-Kunsill naraw l-ilmenti kollha li jidħlu u niġbed l-attenzjoni fuq nuqqasijiet biex ir-residenti jkunu kuntenti bis-servizzi li nagħtu, bħalma huma tal-open skip u l-bulky refuse.  Waħda mill-problemi li insibu hija n-nuqqas ta' ħaddiema li għandu l-Kunsill biex inkunu nistgħu nżommu r-raħal updated. F' dan ir-rigward nissaportja lis-Sindku fit-talbiet li nagħmlu għal aktar ħaddiema tal-id tal-Kunsill.

Joseph Cauchi

Helped Activities held in regards to Youth and sports; during the last year, the following activities has been carried out in our locality, as organised by San Lawrenz Local Council.

• A 5k run was organised on the 14th June 2019, in collaboration with “Group Zghazagh San Lawrenz” in aid of Guatemala.

• A boat party has been organised during the last week of August 2019. This invited mostly youths to attend and have fun together, while fundraising for the village feast.

• During the local feast of Saint Lawrence, the local council has contributed in organising and sponsoring festivals along 5 weekdays prior the feast. During these festivals several sports were organised on one day for youth and kids. While participating in these sports activities, this has motivated the youths to be more active. On another day, a show night dedicated to talents of our locality youths has been held. This has inspired our youths to keep up their achievements and enhanced their self-esteem.

• A football tournament is being held, once a year, whereby the local council contributes financially. This also supports the locality football nursery. Additionally, as currently I am the club president, I do my best to help out throughout any activities being held by the football club, with the aim to encourage our youth to participate in sports.

Carmen Grima

Bħala Kunsilliera responsabbli mill-Anzjani ħdimt sabiex inkomplu bil-ħarġa għall-Anzjani darba fix -xahar, f'din l-attività l-Anzjani jkollhom l-opportunità li jiltaqgħu flimkien jilgħabu ftit tombla u jieklu flimkien l-ikla ta' nofsinhar. Jien niehu ħsieb li nwassal bil-karozza privata tiegħi lil dawk l-anzjani li mhux kapaċi jitilgħu x- xarabank.

Hadt sehem wkoll fil organizzazjoni tal- ikla għal anzjani F' Awwissu fl-okkażjoni tal-festa ta San Lawrenz u ikla oħra F'Diċembru bħala parti mil-festi tal-Milied.

Kont presenti mas-Sindku għal laqgħa ma' rapprezentanti tal-għaqda Sick and the Elderly in Gozo u magħhom iddiskutejna kif huma jistgħu ikunu ta' għajnuna għal dawk fil-komunita' tagħna li jigu bzonnhom.

Għent fl-ippjanar biex isiru Korsijiet tal-Malti ghal-Barranin, kors tal-crafts, kors tal-Wilton cake decoration, kors tal-malti u tal-Ingliz ghat- tfal u kors tal-bizzila.

Attendejt seminar mill-Għaqda tal- Kunsilli Lokali dwar il-Fondi tal-Unjoni Ewropea nhar il-5 ta' Lulju 2019 u għal Konferenza li saret fil 14 ta' Settembru 2019 bit- titolu (Better Governance, Better Finance, Better Democracy.)

Kont preżenti ukoll għal-Laqgha Plenarja Straordinarja li saret nhar il-Gimgħa 24 u s-Sibt 25 t' Ottubru 2019.

Ħadt sehem fid-diskussjoni biex iddecidejna li naplikaw għal- skema ta' Finanzjament għal-Gvern Lokali għal-Kura tal- Annimali fil-Komunita'.

George Camilleri

Minkejja ż-żmien relativament qasir tal ewwel esperjenza tiegħi fil-Kunsill lokali Ta San Lawrenz iżda xorta waħda għamilt diversi suġġerimenti li jirrigwardjaw il-qasam tal kultura u dak soċjali fosthom issuġerejt biex isir event muzikali li jattira ż-żgħażagħ fi NYE kif ukoll diversi events li jvarjaw fil ġeneru tagħhom u li jattiraw lil familja kollha għax nemmen li l-ftit stabilimenti li huma stazzjonati fil pjazza tal-Lokalita igawdu min dawn l-events kif ukoll ikunu ta għajnuna lil għaqdiet tal-Lokalita.

Minkejja li din hija Lokalita relattivament żgħira iżda iġorr magħha ir responsabilita kbira tad-Dwejra u l-ispejjeż huma kbar wisq u r-riżorsi finanzjarji huma limitati.

Franco Buhagiar

Matul is- sena 2019 (Jannar- Gunju) kien hemm ħidma bla waqfien mill-kunsill lokali ta' San Lawrenz. Tajt sehem importanti f'attivitajiet kulturali bħal Swejjaq u l-attivita tal- Karnival fost oħrajn. Ħadt sehem ukoll fil- laqgha plenarja tal- kunsilli lokali li saret fil- lukanda Grand Hotel l- Imgarr.

Kelli sehem importanti fit-twettiq ta tisbiħ fil-Belveder Colle Umberto. Ħadt sehem ukoll fid-diskussjoni li kellna fil-manutenzjoni ta toroq rurali kif ukoll tat-toroq arterjali. Ħadt sehem ukoll fid-diskussjoni dwar id-Dementia awareness, il-latrina għall- Ġnien Colle Umberto kif ukoll dwar il- premju li l-kunsill rebaħ fil-Green Mobility Week sabiex jinxtraw karozza u bicycles jahdnu bl-elettriku.

## Ir-Rapport tal-Uditur

Idħol għar-rapport permezz ta' dan il-*link*:

https://localgovernment.gov.mt/en/lc/SanLawrenz/Pages/Publications/Other-Publications.aspx